# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 6, ta' Lulju, 2021**

**Rikors Maħluf Nru: 471/2021**

***AV. ADRIAN ATTARD BĦALA MANDATARJU SPEĊJALI GĦAN-NOM U IN RAPPREŻENTANZA TAS-SOĊJETÀ ESTERA EXPRESS GLOBAL D.O.O., REĠISTRATA ĠEWWA SLOVENIA[1]***

***VS.***

***CENTRAL MARINE LIMITED***

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza parzjali dwar l-ewwel talba tal-avukat Adrian Attard *nomine* biex din il-kawża tiġi maqtugħa mingħajr smigħ skont l-**artikoli 167** sa **170 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

***Daħla***

2. B'**<u>rikors maħluf imressaq fis-17 ta' Mejju, 2021</u>**, l-avukat Attard *nomine* fisser li fis-sena 2019, il-kumpannija Express Global d.o.o. ġiet imqabbda b'mod regolari

[1] Isem il-kumpannija barranija ġie korrett minn Express d.o.o. għal Express Global d.o.o. b'digriet mogħti minn din il-qorti fis-seduta tal-11 ta' Ġunju, 2021, f'paġna 84 tal-atti.

mill-kumpannija Central Marine Limited sabiex din teħodilha ħsieb tal-ġarr u l-loġistika ta' xi merkanzija. L-avukat Attard *nomine* jgħid li għal dan is-servizz hemm kont komplessiv ta' €20,385.70, li sallum għadu ma tħallasx mill-kumpannija mħarrka u dan minkejja li hija kienet infurmata bih;

3. Ir-rendikont ta' dan il-bilanċ u l-fatturi li jsaħħu l-għoti ta' dawn is-servizzi ġew mehmuża mar-rikors maħluf (ara paġni 6 sa 28 tal-atti);

4. Billi skont l-avukat Attard *nomine* s-somma ta' €20,385.70 hija ċerta, likwida u dovuta, u billi dejjem fil-fehma tal-attur *nomine*, l-imsemmija kumpannija Central Marine Limited m'għandhiex eċċezzjonijiet xi tressaq kontra din it-talba għall-ħlas, huwa talab lil din il-qorti li:

> «*Tipproċedi għas-sentenza skont it-talba tas-soċjetà attriċi bid-dispensa tas-smigħ tar-rikors ai termini tal-Artikoli et seq. ta' Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta*»;
>
> *«Tikkundanna lis-soċjetà intimata tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma dovuta ta' għoxrin elf, tlett mija u ħamsa u tmenin Ewro u sebgħin ċenteżmu (€20,385.70);»*
>
> *«Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv.»*

5. B'digriet kamerali mogħti fit-18 ta' Mejju, 2021, il-qorti ordnat in-notifika ta' dan ir-rikors maħluf lill-kumpannija mħarrka u tatha l-jedd li jekk trid tressaq nota fir-reġistru tal-qorti jew fl-udjenza, sabiex biha tattakka l-proċedimenti magħmula mill-avukat Attard *nomine*, bħala mhux regolari jew li ma jgħoddux għall-każ, u dan hekk kif jinsab imfisser fl-**artikolu 170(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**. Fl-istess digriet il-qorti poġġiet il-kawża għas-smigħ għal nhar il-Ġimgħa, 11 ta' Ġunju, 2021 u wissiet lill-kumpannija mħarrka li jekk hija ma tidhirx għal dan is-

smigħ, il-qorti sejra tiddeċiedi minnufih il-kawża billi tilqa' t-talbiet tal-attur *nomine*, skont l-**artikolu 170 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

6. Meta l-kawża nstemgħet fil-11 ta' Ġunju, 2021, il-kumpannija konvenuta kienet għadha ma ġietx notifikata bir-rikors maħluf;

7. Min-naħa 'l-oħra, għal din is-seduta deher l-avukat tal-attur *nomine*, fejn dakinhar ippreżenta: (i) kopja tal-mandat speċjali tal-avukat Adrian Attard biex iressaq din il-kawża (ara paġna 40 tal-atti), kif ġie ordnat lilu bid-digriet tat-18 ta' Mejju, 2021; u (ii) affidavit ta' Adriano Fućak, direttur tal-kumpannija attriċi (ara paġni 44 sa 45 tal-atti);

8. Minn hemmhekk il-kawża tħalliet għas-seduta ta' nhar is-6 ta' Lulju, 2021 biex titwettaq in-notifika tal-kumpannija konvenuta. Anke sa din is-seduta, in-notifika tal-kumpannija mħarrka baqgħet ma saritx;

9. Waqt l-udjenza tas-6 ta' Lulju, 2021, il-qorti ġibdet l-attenzjoni tal-avukat tal-attur *nomine* dwar il-fatt li fl-affidavit tiegħu, Adriano Fućak, id-direttur tal-kumpannija Express Global d.o.o., stqarr li l-kumpannija konvenuta kienet qiegħda ssostni – fil-fehma tiegħu b'mod ħażin – li hija kienet ħallset kollox u għalhekk ma kellha tagħti xejn. Fid-dawl ta' din l-istqarrija, il-qorti stiednet lill-avukat tal-attur *nomine* sabiex jgħid jekk din l-istqarrija fl-affidavit ta' Adriano Fućak, hijiex kompatibbli mad-dikjarazzjoni misjuba fir-rikors maħluf, fejn ingħad li l-kumpannija konvenuta m'għandhiex eċċezzjonijiet xi tressaq;

10. L-avukat tal-attur *nomine* vverbalizza li dak li hemm imniżżel fl-affidavit ta' Fućak ma jbiddilx il-fatt li l-kumpannija konvenuta m'għandhiex raġun tikkontesta t-talbiet attriċi għaliex l-ammont ta' €20,385.70, li qiegħda titlob il-kumpannija Express Global d.o.o. huwa tassew dovut;

11. Wara li l-avukat tal-attur *nomine* għamel is-sottomissjonijiet verbali tiegħu dwar dina l-kwestjoni, il-kawża ġiet posposta għal aktar tard biex il-qorti tiddeċiedi jekk huwiex il-każ li din il-kawża titkompla skont il-proċediment sommarju qabel tiġi notifikata l-kumpannija konvenuta;

***Fatti***

12. Adriano Fućak, direttur tal-kumpannija Express Global d.o.o. minn Lulju, 2019, stqarr fl-affidavit tiegħu, li Express Global d.o.o. u l-kumpannija Central Marine Limited kien ilhom f'kummerċ bejniethom sa mill-2014. Huwa jtenni li l-kumpannija Express Global d.o.o. wettqet għadd ta' servizzi lill-kumpannija konvenuta bejn l-2014 u l-2019 u li sa Mejju 2019 qatt ma kien hemm problemi ta' ħlas min-naħa tal-kumpannija konvenuta;

13. Skont Adriano Fućak, il-problemi nqalgħu wara Mejju 2019, għaliex il-kumpannija konvenuta tellgħet kont ta' €20,385.70 li baqgħet ma ħallsitx. Fućak jgħid li huwa kien ikkomunika personalment mad-direttur tal-kumpannija konvenuta biex isir dan il-ħlas iżda bla suċċess. Fi kliem Adriano Fućak,

> «*On the 13th of August 2019, Mr Jones advised us to stop all activities* ***(see Document AF3)*** *due to the fact that they were awaiting new information from our office in Italy prior to remitting any funds. <u>Mr Jones later claimed that he had made payments for all invoices due by Central Marine Ltd</u>.*»

14. Minħabba din l-allegazzjoni tal-ħlas, Fućak jgħid li huwa qabbad lit-tim tiegħu tal-informatika biex jivverfika jekk kienx tassew minnu li sar il-ħlas. Dawn ġew lura għandu billi kkonfermaw miegħu li l-ħlas ma kienx sar. Minkejja dan però, Fućak jikteb fl-affidavit tiegħu li,

*«<u>Nevertheless, Mr Steven Jones insisted that he made payments to this Italian account</u>. I cannot understand why he would do this after five (5) years of fruitful cooperation, and how possibly he could pay to another account and not checking with us prior to this. This was all very strange because we had never had any complaint from Central Marine Ltd's side about invoices and about the quality of our service.»*

15. Fuċak itemm l-affidavit tiegħu billi jisħaq li mhux minnu li kien sar il-ħlas ta' €20,385.70 u li għalkemm kien hemm xi kuntatti oħra bejn il-partijiet biex jippruvaw jaslu fi ftehim bejniethom, dawn ma ħallewx frott;

***Konsiderazzjonijiet***

16. Kif ingħad is-sentenza tal-lum hija marbuta biss mal-ewwel talba;

17. M'hemmx għalfejn illi ngħidu li l-proċedimenti sommarji, imsemmija fl-**artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** huma minnhom infushom ta' natura eċċezzjonali għaliex dawn jitbiegħdu mill-prinċipju ġenerali tal-liġi li jrid li kawża għandha tinqata' wara li l-qorti tieħu qies tal-provi u tas-sottomissjonijiet tal-partijiet fil-kawża;

18. Huwa sewwasew għalhekk, li ngħad għadd ta' drabi li l-artikoli marbuta mal-proċess sommarju għandhom jiġu meqjusa b'ċertu reqqa, tant li ġie mtenni li dawn għandhom jiġu mħarsa *ad unguem* (ara ***Charles Bonnici nomine v. Anna Farrugia*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-2 ta' Frar, 1999). Ifisser dan, li qabel qorti tissokta bid-dispensa tas-smigħ, hija trid tkun konvinta li r-rikors imressaq mill-attur ikun iħares il-kundizzjonijiet kollha msemmija fil-liġi biex il-kawża tkun tista' tinqata' skont il-proċedura sommarja;

19. Din il-qorti ġa kellha l-okkażjoni tgħid fis-sentenza tagħha ***Executive Security Services Limited v. Cavendish Hotels Ltd***, deċiża fil-21 ta' Ġunju, 2021 li,

> *«Il-qorti m'għandhiex tiddejjaq jew toqgħod lura milli tiċħad talba biex jinżammu proċeduri sommarji, jekk hija tintebaħ li r-rikors imressaq mill-attur ma jkunx joqgħod għalkollox ma' dak li titlob il-liġi. Anzi huwa dmir tal-qorti li twarrab il-proċedura sommarja u tordna li kawża tieħu l-kors ordinarju tagħha, jekk hija issib xi nuqqas ta' ħtieġa proċedurali mandatorja fir-rikors, li permezz tiegħu qed jintalab id-dispensa tas-smigħ. Dan il-prinċipju għandu jgħodd, sew jekk dawn l-irregolaritajiet jitqajmu mill-konvenut u sew jekk ma jitqajmux minnu. Il-jedd tal-udjenza u tal-kontestazzjoni m'għandhomx jitwarrbu kif ġieb u laħaq iżda għandhom jiġu dispensati biss, kull fejn ikun hemm iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali kollha msemmija fil-liġi»*

20. Fil-każ ta' ***Executive Security Services Limited***, il-qorti ddeċidiet li hija ma setgħetx tilqa' t-talba li jinżammu l-proċedimenti sommarji, sewwasew għaliex il-kumpannija attriċi naqset milli tagħmel dikjarazzjoni skont l-**artikolu 167(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, fejn tgħid li safejn taf hi, il-kumpannija konvenuta ma kellhiex eċċezzjonijiet x'tagħti kontra t-talbiet tagħha;

21. Lura għall-każ li għandna quddiemna, jirriżulta bħala stat ta' fatt li l-avukat Attard *nomine* għamel din id-dikjarazzjoni fir-rikors maħluf, li skont hu, il-kumpannija konvenuta m'għandhiex eċċezzjonijiet x'tagħti. Però huwa stat ta' fatt ukoll, li l-avukat tal-attur *nomine* ressaq affidavit ta' Adriano Fućak, id-direttur tal-kumpanija Express Global d.o.o., fejn fih tniżżel ċar u tond li l-kumpannija konvenuta kienet qiegħda tiddefendi ruħha billi targumenta li hija kienet ħallset kollox;

22. Dan iġibna għall-qofol tal-kwestjoni dwar jekk din l-istqarrija mogħtija minn Adriano Fućak tinnewtralizzax id-dikjarazzjoni magħmula fir-rikors maħluf skont l-**artikolu 167(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

23. Il-qorti tifhem li d-dikjarazzjoni msemmija fl-**artikolu 167(1)** mhijiex sempliċi formalità li hija meħtieġa biss għall-għanijiet purament proċedurali. L-effetti tal-proċediment sommarju huwa li l-qorti għandha taqta' l-kawża skont it-talbiet attriċi, jekk kemm-il darba jintwera li l-konvenut m'għandux *probabilis causa litigandi* (ara ***Angela Ċiantar v. Philip Delceppo*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Frar, 2009). Naturalment il-proċediment sommarju jista' jagħti lok għal deċiżjoni, li f'għajnejn il-parti li kontra tagħha jkun mar il-ġudizzju, tkun tidher li hija inġusta għaliex din tkun ċaħditu minn smigħ ordinarju (ara ***Avukat Dottor Victor Ragonesi v. Albert Stagno Navarra et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Diċembru, 2002);

24. Huwa tabilħaqq għalhekk li l-liġi titlob mill-attur li jagħmel dikjarazzjoni maħlufa fir-rikors tiegħu, fejn fiha jgħid li safejn jaf hu, il-konvenut m'għandux difiża xi jressaq kontra t-talbiet tiegħu. Dikjarazzjoni bħal din m'għandhiex tkun waħda li tingħata biss għad-dieher, iżda trid tkun waħda ġenwina. Meta attur jagħmel dikjarazzjoni maħlufa bħal din, huwa jrid ikun konvint li l-konvenut m'għandux difiża x'jagħti;

25. Jekk l-attur ikollu xi ħjiel jew suspett li l-konvenut għandu xi difiża xi jressaq, huwa ma jistax jagħmel id-dikjarazzjoni msemmija fl-**artikolu 167(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**. Dan jibqa' jgħodd anke jekk l-attur ikun jemmen bi sħiħ li dik id-difiża ma tkunx waħda fejjieda. Kemm hu hekk, skont il-liġi d-dikjarazzjoni trid tkun, li safejn jaf l-attur, il-konvenut m'għandux eċċezzjonijiet x'jagħti kontra t-talba u mhux li l-konvenut m'għandux eċċezzjonijiet validi x'jagħti kontra t-talba;

26. Id-dikjarazzjoni msemmija fl-**artikolu 167(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** għalhekk trid tkun waħda sinċiera u mhux waħda qarrieqa jew superfiċjali li ssir biss biex l-attur jipprova jevita l-proċediment ordinarju;

27. Rilevanti ħafna f'dan il-kuntest hija s-sentenza ***Billboard Advertising Limited v. Stefan Vassallo***, maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Frar, 2015. F'dik il-kawża l-kumpannija attriċi, qabel bdiet il-proċediment sommarju, kienet interpellat lill-konvenut biex iħallas djunu permezz ta' ittra ġudizzjarja skont l-**artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**. Il-konvenut kien wieġeb għal dik l-ittra permezz ta' nota fejn ikkontesta t-talbiet attriċi bħala infondati fil-fatt u fid-dritt. Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Appell qalet hekk:

> *Huwa minnu li din l-opposizzjoni għat-talba (altrimenti l-ittra uffiċjali kienet issir esekuttiva) kienet pjuttost ġenerika u allura s-soċjetà appellata ma setax kellha ideja ta' x'eccezzjonijiet il-konvenut seta' jintavola, iżda fil-fehma tal-Qorti min ikun jaf li l-allegat debitur tiegħu ikun qed jikkontesta dak id-debitu, ma huwiex xieraq li jippreżenta kawża skont l-artikolu 167 imsemmi u allura jiddikjara illi jaf li l-konvenut ma għandux eċċezzjonijiet validi xi jressaq. Dan ma jfissirx li ma jkunx hemm każi fejn effettivament dan ikun il-każ iżda jkun hemm ukoll każi fejn din id dikjarazzjoni tkun effettivament azzardata;*
>
> *Wieħed għandu jżomm quddiem għajnejh li l-proċedura in kwistjoni hija waħda eċċezzjonali u li hija l-uniku każ fejn il-Qorti tiddispensa mis-smigħ tal-kawża u allura hija eċċezzjoni għall-massima daqstant importanti ta' audi alteram partem. Kwindi tista' tiġi applikata biss bil-massima ċirkospezzjoni u jekk l-attur ikun jaf li hemm eċċezzjonijiet x'jitressqu (anke jekk dawn jistgħu ma jirriżultawx ġustifkati wara li jkunu ġew trattati) l-istess proċedura tista' tkun abużiva (vide* ***Fenech***

*__v. Camenzuli__, Prim' Awla, 25 ta' Ottubru 1985). Din il-Qorti ghamlet ukoll enfasi dwar l-importanza ta' din id-dikjarazzjoni fis-sentenza tagħha fl-ismijiet __Giuseppe Carabott v. Stefania Carabott__, deċiża fis-27 ta' Novembru 2009. Stabbilit dan, u peress li fil-fehma tal-Qorti fiċ-ċirkostanzi ma ġiex suffiċjentement eskluż li l-appellant kellu eċċezzjonijiet potenzjalment validi li seta' jagħti, il-Qorti se tilqa' dan l-aggravju u allura ma hemmx lok li din il-Qorti tiddeċiedi ukoll jekk id-dejn huwiex ċert u likwidu.»*

28. Fil-każ tagħna, id-dikjarazzjoni tan-nuqqas ta' difiża, magħmula fir-rikors maħluf mill-avukat Adrian Attard bħala mandatarju speċjali tal-kumpannija Express Global d.o.o., tinsab newtralizzata u maħnuqa mill-affidavit stess tad-direttur tal-kumpannija Express Global d.o.o., meta dan jgħid li l-kumpannija konvenuta kienet qiegħda tallega li ħallset kollox;

29. Huwa minnu li dan id-direttur jgħid fl-affidavit tiegħu li mhux veru li l-kumpannija konvenuta wettqet dan il-ħlas, iżda din id-dikjarazzjoni min-naħa tiegħu turi, li tajjeb jew ħażin, il-kumpannija konvenuta qanqlet din id-difiża tal-ħlas;

30. Il-fatt mistqarr minn Adriano Fućak, li l-kumpannija konvenuta ġa ddefendiet ruħha fil-passat bid-difiża tal-ħlas, iwassal lil din il-qorti biex ma toqgħodx mad-dikjarazzjoni maħlufa tal-avukat Adrian Attard *nomine*, li l-kumpannija konvenuta m'għandhiex eċċezzjonijiet x'tagħti għat-talbiet attriċi;

31. Dan aktar u aktar, meta wieħed iqis li d-dikjarazzjoni tal-avukat Adrian Attard saret bħala mandantarju speċjali tal-kumpannija Express Global d.o.o. u għalhekk wieħed jifhem li dan ma kellux l-għarfien tal-fatti, daqskemm seta' kellu d-direttur Adriano Fućak, li kien involut direttament fil-korrispondenza mal-kumpannija konvenuta;

***Deċiżjoni***

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-qorti qiegħda **<u>tiċħad l-ewwel talba</u>** tal-avukat Adrian Attard *nomine* biex taqta' din il-kawża mingħajr smigħ skont l-**artikoli 167** sa **170 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** u tordna minflok li din il-kawża titmexxa bil-mod ordinarju;

Għal dan il-għan il-Qorti qiegħda tordna lill-avukat Adrian Attard *nomine* biex jinnotifika lill-kumpannija konvenuta bl-atti tar-rikors maħluf, b'kull dokument li ġie ppreżentat f'din il-kawża u b'din is-sentenza mogħtija llum;

Il-kumpannija konvenuta qiegħda tingħata żmien ta' għoxrin (20) jum minn meta tirċievi l-atti kollha tar-rikors maħluf, biex jekk trid tressaq risposta maħlufa jew nota ta' ammissjoni skont l-**artikolu 158 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

Il-kawża qiegħda titħalla għall-kontinwazzjoni għal nhar **<u>il-Ġimgħa, 15 ta' Ottubru, 2021 u tissejjaħ fit-8.15am</u>**;

L-ispejjeż marbuta ma' din is-sentenza huma mħollija għas-sentenza finali.

**Christian Falzon Scerri**
**Imħallef**

**Mary Josephine Musu**
**Deputat Reġistratur**